MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 6(2010), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn, it-3 ta' Mejju 2010, fis-6.00 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Stqarrija dwar l-Estensjoni tal-Power Station ta' Delimara

Din il-laqgħa issejħet b'urġenza u għalhekk il-Kunsill itratta biss il-materija urġenti li għaliha ġiet imsejħa.

2. **Stqarrija dwar l-Estensjoni tal-Power Station ta' Delimara**

**2.1** Il-Viċi-Sindku, issekondat mill-Kunsillier Grech, ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill joħroġ din l-istqarrija :

Wara r-rapport li ħareġ l-Awditur Ġenerali dwar it-tender tal-estensjoni tal-Power Station ġewwa Delimara, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iħoss li għandu jiġbed l-attenzjoni ta' dak li ġie kkonfermat mill-Awditur Ġenerali li din it-tip ta' teknologija qed issir b'mod għall-ewwel darba fid-dinja (prototipa) ġewwa Malta f'Marsaxlokk, (Executive Summary, Point IV). L-awditur jesprimi l-kritika tiegħu kif l-Enemalta baqgħet għaddejja b'din l-għażla minkejja li t-tender kien jispeċifika li t-tekonoloġija kellha tkun waħda ppruvata u ttestjata.

Dan jikkonferma l-inkwiet espress mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk fis-sottomissjonijiet li għamel dwar l-Environment Impact Assessment (EIA), fejn il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li ma hemmx garanziji dwar il-figuri ta' emissjonijiet mogħtija lill-Kumpanija AIS li kienet inkarigata tagħmel l-EIA.

Dan kollu jfisser li r-residenti ta' Marsaxlokk kif ukoll dawk tal-madwar qed jiġu stmati qishom "fniek tal-indi" li fuqhom isiru t-testijiet. F'pajjiż żgħir bħal Malta fejn impjant bħal dan ikun bilfors viċin in-nies mhux aċċettabbli li jittieħdu riskji b'esperimenti fuq teknoloġija li mhiex ippruvata u ttestjata.

Il-Kunsill Lokali jinnota ukoll li l-Gvern li suppost għandu d-dover li jħares is-saħħa taċ-ċittadini tiegħu qed jippermetti li dawn iċ-ċittadini jiġu esposti għal esperimenti mas-saħħa tagħhom. L-ebda skuża ma hi plawsibbli sabiex l-affarijiet jibqgħu

għaddejjin. In-nuqqas ta' ppjanar minn-naħa tal-istess Gvern ma jistax illum jinġieb bħala skuża li ma nistgħux nitilfu żmien u nibqgħu għaddejjin bi proġett li se jkun ta' detriment għas-sigurta' fis-saħħa tar-residenti. Anke l-Awditur Ġenerali kkritika l-għaġġla żejda (*undue haste*) li biha ġie ffirmat il-kuntratt tax-xiri ta' dan l-impjant (Executive Summary, Point VIII).

Il-Kunsill Lokali jinnota li minkejja li l-Prim Ministru isemmi l-Viżjoni 2015 bħala sena li fiha pajjiżna jrid jilħaq livell ta' eċċellenza, il-Gvern bl-għemil tiegħu qed jeskludi n-naħa t' isfel ta' Malta minn dan il-livell billi jaċċetta teknoloġija li tmur 'il bogħod minn dak li jista' jitqies bħala eċċellenti. Il-Gvern qed jaċċetta impjant li juża l-agħar fuel li jista' jagħżel, jiġifieri l-*Heavy Fuel Oil.* Minħabba dan il-fuel, ser ikollu jiġi nstallat impjant sħiħ li jsaffi l-emissjonijiet (*abatement equipment* ) u li se jkun qed iħalli 30 tunnellata skart (*bottomash)* kuljum kif ukoll tlett tunnellati ta' *oil sludge*.

S'issa, minkejja li l-impjant ġie ordnat, għad m'hemmx pjanijiet konkreti ta' x'se jsir minn dan il-*bottomash*, fejn ser jiġi merfugħ, kif ser jinġarr u fejn ser jittieħed. Dan ħareġ ukoll mir-rapport tal-Awditur Ġenerali fejn ġie indikat li ċ-Chief Technical Officer tal-Enemalta ta informazzjoni ħażina fil-*public hearing* tat-28 ta' Jannar 2010 meta ddikjara li l-Enemalta għandha kuntratt għal dan l-iskart. Meta vverifika, l-Awditur Ġenerali sab li dan il-kuntratt għall-iskart mill-impjant propost ma jeżistix.

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk jikkundanna bil-qawwa kollha l-aġir arroganti u rresponsabbli taċ-CTO tal-Enemalta li ta informazzjoni żbaljata u li kien l-istess persuna li fil-laqgħa pubblika li kienet saret fis-16 ta' April 2009 fil-Pjazza ta' Marsaxlokk, kien iddikjara li l-Power Station eżistenti "m'għandhiex bżonn filters". Wieħed issa jistaqsi dwar il-kredibbilta' ta' dan l-inġinier issa li anke l-Awditur Ġenerali kkummenta dwar informazzjoni żbaljata li ta.

Rigward l-*oil sludge,* il-proposta hi li dan jiġi nċinerat. Madankollu, il-WasteServ li hi l-kumpanija li topera l-unika inċineratur f'Malta (dak tal-Marsa) għada ma kkonfermatx jekk dan is-*sludge* hiex lesta taċċettaħ għal dan l-inċineratur. L-alternattivi huma jew li jinbena inċineratur f'Delimara, ħdejn il-Power Station, bl-iskuża ta' użu tal-iskart għall-produzzjoni tal-enerġija imma r-raġuni vera tkun sabiex jinħaraq dan is-*sludge*; jew li dan is-*sludge* jinħaraq fil-*boilers* tal-Phase 1 tal-Power Station. Dawn iż-żewġ alternattivi jirriżultaw f'aktar emissjonijiet fl-arja. Dawn l-emissjonijiet ma ġewx ikkalkulati fl-EIA li sar.

Dan l-iskart kollu jista' jiġi evitat jekk tintagħżel power station li taħdem bi fuel aktar nadif bħall-gass.

Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk, fid-dawl tal-kritika kollha li saret minn diversi entitajiet u issa anke mill-Awditur Ġenerali qed jappella lill-Gvern biex ma jibqax iwebbes rasu u jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu rigward it-teknoloġija li ser tiġi nstallata fl-estensjoni tal-Power Station.

Madankollu, il-Kunsill Lokali Marsaxlokk jiddikkjara li mhuwiex kontra l-estensjoni tal-Power Station, iżda kontra t-teknoloġija li ntgħażlet, speċjalment għall-fatt li din it-teknoloġija għada ma ntużat imkien fid-dinja.

Dan għall-ġid tas-saħħa tar-residenti kemm ta' Marsaxlokk kif ukoll tal-irħula l-oħra fil-qrib.

**2.2** Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**3.** Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 p.m.

**Stephen Caruana**
**Sindku**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**